*Riferenza lill-Qorti tal-Appell wara li kemm it-Tribunal Industrijali kif ukoll il-Prim'Awla jiddikjaraw li mhumiex kompetenti jieħu konjizzjoni ta' każ ta' tkeċċija fil-perjodu ta'* probation. L-ewwel u t-tieni proviso għall-Art. 741(b) tal-Kap 12.

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 12 ta' Diċembru 2019**

**Rikors Nru. 786/2019 GM**

**Simon Grima**

**vs**

**Fork & Night Limited**

Il-Qorti

Rat id-digriet tat-Tribunal Industrijali tad-29 ta' Lulju 2019 li bis-saħħa tiegħu ir-rikors fl-ismijiet premessi ġie rimess lil din il-Qorti abbażi tal-ewwel proviso tal-artiklu 741(b) tal-Kodiċi ta' Proċedura Civili;

Rat li l-atti ta' dawn il-proċeduri ġew trasferiti lil din il-Qorti;

Rat li t-Tribunal Industrijali qies li billi ma teżistix tkeċċija inġusta ai termini tal-Art. 2 tal-Kap 452, skont l-Art 75 tal-istess Kap m'għandux ġurisdizzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-kuntratt ta' mpjieg wara d-dekorriment tal-perjodu ta' prova kellu jkun wieħed għal żmien indefinit. Kuntratt bħal dan jaqa', ex-Art. 75 tal-Kap 452, taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Tribunal Industrijali. Billi l-kwistjoni mertu ta' dan il-każ hi ancillari għall-kuntratt prinċipali, taqa' wkoll taħt il-kompetenza tiegħu. Dan skont kif diġa' ddeċidiet din il-Qorti (ippreseduta mill-Onor. Imħallef Toni Abela) f'każ analogu permezz ta' sentenza li ġiet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2019 fl-ismijiet "Mark Grima v Fork & Night Ltd (C88093)";

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara, ai termini tat-tieni proviso tal-Artiklu 741(b) tal-Kap 12, li m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tar-rikors *de quo* u għalhekk tordna, ai termini tal-proviso għall-Art 741(b) tal-Kap 12, li l-atti tiegħu jintbagħtu lill-Qorti tal-Appell Superjuri sabiex tiddeċiedi skont il-liġi liema organu ġudizzjarju għandu jieħu konjizzjoni tiegħu;

Il-Qorti tordna notifika ta' dan id-digriet lill-partijiet a kura tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili u komunika lill-avukati Dr Keith Borg jew Dr Carlos Bugeja u Dr Kirk Brincau jew Dr Christine Calleja.

Spejjeż riżervati għad-deċiżjoni finali mill-Qorti jew Tribunal finalment dikjarat kompetenti.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA